KUNSILL LOKALI BORMLA | IS-SEBA' KUNSILL

MINUTI | SEDUTA NRU. 42

**IT-TLIETA 7 TA' LULJU, 2015**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju, 2015, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Alison Zerafa Civelli, **il-Viċi Sindku** Ivan Agius u **il-Kunsilliera** Pablo Cachia Belli, Roderick Mamo, James Cauchi, Noyah Spiteri u Alfred Attard.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana

**AGENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Quarterly Report – Jannar – Marzu 2015
3. Pagamenti – Ġunju, 2015
4. Progress fuq Xogħlijiet – Triq Matty Grima, Triq Dwardu u Triq Guliermu
5. Proposta mill-Awtorita tat-Turiżmu dwar Latrini Pubbliċi
6. Proġett Pilota – Ġbir ta' Skart Organiku
7. Mozzjonijiet
8. Korrispondenza
9. Aġġornament

**TALBA**

**Is-Sindku Alison Zerafa Civelli** qalet it-talba.

**42/01** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Laqgħat nru 41**

42/01/01 Il-minuti tal-laqgħa nru 41 ġew meħuda bħala moqrija.

42/01/02 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku Alison Zerafa Civelli ssekondata mill-Kunsillier Roderick Mamo, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

42/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**42/02 Quarterly Report: Jannar – Marzu 2015**

42/02/01 Is-Sur Brandon Camilleri spjega aspetti mill-quarterly report ta' Jannar sa Marzu 2015 li kien mqassam lill-Kunsilliera preżenti. Hu qal li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill qiegħda dejjem titjieb u għaldaqstant id-dħul kien iktar mill-infieq b'€10,000 matul l-ewwel tliet xhur tas-sena li wassal għal Financial Situation Indicator ta' 7.22%. Hu qal ukoll li l-likwidita' tal-Kunsill hija tajba ħafna.

42/02/02 Fuq mozzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Kunsiller Alfred Attard tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Quarterly Report: Jannar – Marzu 2015.

42/02/03 Il-Kunsill unanimament approva l-Quarterly Report wara votazzjoni.

✧ Fis-6.40pm daħal il-Kunsillier James Cauchi.

**42/03 Pagamenti - Ġunju, 2015**

42/03/01 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju, 2015.

42/03/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mill-Kunsillier Roderick Mamo, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament.

42/03/03 Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera ffirmaw l-iskeda.

**42/04 Progress fuq xogħolijiet – Triq Matty Grima, Triq Dwardu u Triq Guliermu**

42/04/01 Is-Sindku Alison Zerafa Civelli għarfet lill-Kunsilliera preżenti bil-progress li sar fil-pavimentar ta' dawn it-toroq:-

42/04/02 **Triq Matty Grima:**

(a) Ċangatura taż-Żonqor inqala u gie storjat fil-yard ta' wara l-bitha tal-Kunsill

(b) Ħaddiem tal-Works qegħdin inaddfu ċ-ċangaturi u jippustjaw kollox fuq pallets

(c) Peress li kien hemm ammont konsiderevoli ta' ċangaturi nieqsa, kien hemm il-ħtieġa tal-approvazzjoni mill-ġdid tal-MEPA għal tibdil fir-Restoration Method Statement li kien marbut mal-permess tax-xogħol ta' din it-triq. Dan ifisser li ser ikun hemm parti sostanzjali fejn ser jintuża żonqor ġdid.

(d) Ix-xogħol ta' tqegħid taċ-ċangaturi ingħata bidu nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju, 2015 u jinsab għaddej b'ritmu tajjeb ħafna.

(e) Saret sistema ta' rain water culverts ġdida biex tissolva l-problema tal-għargħar. Sar sprall fil-bidu tat-triq, ieħor qabel tibda l-pjazza u sprall iżgħar quddiem it-taraġ.

42/04/03 **Triq Guliermu:**

(a) Ħafna mix-xogħol fuq din it-triq huwa komplut.

(b) Il-pavimentar taż-żonqor tlesta (materjal użat huwa kollu ġdid)

(c) Fil-jiem li ġejjin ser ikun qiegħed isir il-paviment li jgħaqqad Triq San Ġwann ma' Triq Guliermu bid-drop kerbs biex it-triq tkun aċċessibli għal kulħadd

42/04/04 **Triq Dwardu:**

(a) Ħafna mix-xogħol f'din it-triq huwa komplut.

(b) Materjal użat huwa żonqor ġdid peress li ma kien hemm xejn ċangatura antika.

(c) Xogħol pendenti:

- Il-kuntrattur li qed ipoġġi ż-żonqor qed jistenna l-materjal għat-turġien u biex ikun jista' jagħlaq it-tilari tad-drainage inspection boxes. Aħna nfurmati li l-materjal ser jasal matul din il-ġimgħa.
- Bankina li tgħaqqad Triq Dwardu ma' Triq San Ġwann issir bid-drop kerb biex issir aċċessibli.

42/05 **Proposta mill-Awtorita' tat-Turiżmu dwar Latrini Pubbliċi**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill fejn qalet li kienet ikkuntatjata mill-Awtorita' tat-Turiżmu fejn ipproponew li l-latrini tal-lokal jiġu mgħoddija lill-operaturi privati. Din il-proposta qiegħda ssir peress li Bormla qiegħda fiż-żona turistika u għaldaqstant jeħtieġ li l-latrini f'din iż-żona jkunu kollha nodfa u bil-ħlas.

Il-Kunsill unanimament approva l-proposta tal-Awtorita' tat-Turiżmu.

42/06 **Proġett Pilota – Ġbir ta' Skart Organiku**

Il-lokalita' tagħna ġiet imsejħa għal pilot project biex tiġi ntrodotta l-borża organika. Se nkunu ħames lokalitajiet f'dan il-proġett u kellna laqgħa l-ġimgħa l-oħra. Minkejja li ġejna mitluba nieħdu sehem xorta tawna ċ-ċans li nitkellmuha bejnietna.

Din hija l-informazzjoni li tawna:

- Il-borza organika se tkun traspartenti u l-wasterv se jqassmu l-boroż filwaqt li jagħmlu kampanja edukattiva bieb bieb.
- Wasterv se jqassmu bin f'kull dar li jista faċilment jitpoġġa f'cupboard jew jiddendel f'cupboard.
- Il-ġbir tal-borża organika se ssir mill-kuntrattur tagħna minflok is-sewda.
- Il-pilot project huwa maħsub li jibda fl-aħħar ta' Settembru għal erba' xhur.

Għaldaqstant din se tkun l-iskeda tal-ġbir tagħna:

| | |
|---|---|
| It-Tnejn: | Borża Organika |
| It-Tlieta: | Borża Griża |
| L-Erbgħa: | Borża Sewda |
| Il-Ħamis: | Borża Sewda |
| Il-Ġimgħa: | Borża Organika (+ Griża jekk irridu nħalluha) |

Is-Sibt: Borza Sewda

42/06/02 Il-Kunsillier James Cauchi ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jinvesti f'kampanja edukattiva fuq il-borża organika. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tal-Kunsillier Cauchi.

42/06/03 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ġimgħa d-dieħla għandu jiltaqa' ma rappreżentanti tal-Wasteserv dwar dan is-suġġett.

42/06/04 L-Entitajiet involuti huma l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Ministeru tal-Ambjent u l-Kunsill għandu jinforma lil dawn l-entitajiet biex nikkoperaw f'din il-kampanja.

**42/07** **Mozzjonijiet**

42/07/01 Mozzjoni nru 08/2015 (VII)

*Minħabba l-istat ħażin li jinsabu fih il-bankini ta' Triq San Pawl, u li per konsegwenza jiena nfurmata li kien hemm persuni li saħansitra waqgħu u weġġgħu, qed nipproponi li tintalab stima mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex dawn il-bankini jinbidlu. Għandu jintalab ukoll parir professjonali rigward il-materjal li għandu jkun użat.*

Mozzjoni: Il-Kunsilliera Noyah Spiteri
Sekondant: Il-Kunsillier Alfred Attard

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

42/07/02 Mozzjoni nru 09/2015 (VII)

*Nipproponi li trejqa f'San Ġwann t'Għuxa, preċiżament faċċata ta' Pjazza Tony Coleiro, liema trejqa tagħti aċċess għal numru ta' garages, tiġi rikostruwita mill-ġdid bit-tarmac minħabba l-istat ħażin li tinsab fiha u li qed tkun kaġun ta' ħsarat fil-vetturi tar-residenti. Peress li x-xogħol rikjest huwa ta' rikostruzzjoni, għandu jiġi vverifikat minn qabel jekk dan ix-xogħol huwiex kompitu ta' Transport Malta.*

Mozzjoni: Il-Kunsilliera Noyah Spiteri
Sekondant: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

42/07/03 Mozzjoni nru 10/2015 (VII)

***Misraħ il-Familja***

*Peress li tlieta minn sitt bollards tal-fondut li saru quddiem l-entratura għal Ġnien 'Misraħ il-Familja, intlaqtu minn vetturi u tkissru f'inċidenti separati, qiegħed nipproponi li jinbidlu l-bollards kollha ma' oħrajn li jkunu ta' materjal aħjar.*

*Nipproponi wkoll li biex tinżamm aktar indafa fil-ġnien imsemmi, jiżdiedu tliet litter bins ġodda.*

Mozzjoni: Il-Kunsillier Alfred Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

Fis-7.25pm daħal il-Viċi Sindku Ivan Agius

42/07/04 Mozzjoni nru 11/2015 (VII)

*Fid-dawl li b'mod speċjali nhar ta' Tlieta qed tinħoloq konġestjoni ta' traffiku tul Triq Dom Mintoff, Pjazza Gavino Gulia għal Triq l-Inkurunazzjoni, qiegħed nipproponi li ssir talba lil Transport Malta sabiex fi Triq San Dwardu, Birgu, preċiżament faċċata tal-Mina tal-Kalkara, tiġi nstallata tabella biex tħeġġeġ vetturi li jkunu ħerġin mill-Kalkara biex nhar ta' Tlieta fil-ħin tal-monti, jipproċedu fid-direzzjoni ta' Żabbar. B'dan il-mod, ikun qiegħed jonqos l-ammont ta' vetturi li f'dan il-ħin, jgħaddu miċ-ċentru ta' Bormla.*

Mozzjoni: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli
Sekondant: Il-Kunsillier James Cauchi

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

42/07/05 Mozzjoni nru 12/2015 (VII)

*Fuq talba li saret minn sid il-garage bin-numru 101, Triq ix-Xatt ta' Bormla, qiegħed nipproponi li l-Kunsill japplika għall-permessi minn Transport Malta sabiex faċċata tal-istess garage, isiru 'double yellow lines' bil-għan li s-sid il-garage, ikun jista' jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu mingħajr diffikultajiet.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Kunsillier Alfred Attard

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

42/07/06 Mozzjoni nru 13/2015 (VII)

*Minħabba l-abbużi kbar ta' rimi ta' skart madwar il-Bring-In-Sites li hemm fi Kwartieri San Nikola, nipproponi li dawn jitneħħew b'effett immedjat.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

42/07/07 Mozzjoni nru 14/2015 (VII)

*Fuq suġġeriment ta' residenti ta' Kwartieri San Nikola, nipproponi li jiżdiedu żewġ litter bins għall-użu tar-residenti, u li dawn jiġu nstallati man-naħa ta' fejn hemm il-bankijiet.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Kunsillier Alfred Attard

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

42/07/08 Mozzjoni nru 15/2015 (VII)

*Fuq talba li saritli mit-tmexxija tal-Kulleġġ ta' Santa Margerita, qed nipproponi li l-Kunsill jinstalla mera tat-traffiku mal-gate tal-iskola fi Triq Alessandra peress li l-għalliema u ħaddiema oħra tal-iskola qed isibuha diffiċli u perikoluż ħafna biex joħorġu mill-iskola.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

42/07/09 Mozzjoni nru 16/2015 (VII)

*Minħabba l-fatt li ta' spiss, is-siġar tal-acacia jikkawżaw problemi ta' saħħa minħabba t-tip ta' fjura li tipproduċi, nissuġġerixxi li siġar tal-acacia li hemm fi Triq San Nikola kantuniera ma' Sur San Ġwann indikati fir-ritratti u l-pjanta annessa jinqalgħu mill-għeruq wara li jinġiebu l-permessi meħtieġa u minflok, jitħawlu siġar indiġeni.*



Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli

Wara diskussjoni il-Proponent u s-Sekondant emendaw il-mozzjoni biex tinqara hekk:

*Minħabba l-fatt li ta' spiss, is-siġar tal-acacia jikkawżaw problemi ta' saħħa minħabba t-tip ta' fjura li tipproduċi, nissuġġerixxi li siġar tal-acacia li hemm fi Triq San Nikola kantuniera ma' Sur San Ġwann indikati fir-ritratti u l-pjanta annessa jinqalgħu mill-għeruq wara li jinġiebu l-permessi meħtieġa.*

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni kif emendata.

42/07/10 <u>Mozzjoni nru 17/2015 (VII)</u>

*Deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill Lokali biex jitneħħew numru ta' Bins-On-Wheels, jidher li ma ħallitx ir-riżultati mixtieqa fi Triq l-Irlandiżi, preċiżament quddiem il-ġnien ta' Hubbard Flats. Fil-post fejn qabel kien hemm l-iskip, f'kull ħin tal-ġurnata qed ikun hemm akkumulazzjoni sħiħa ta' skart li qed ikun ta' nkonvenjent għal dawk ir-residenti li joqgħodu viċin. Dwar din il-problema, huma ħafna dawk ir-residenti li qed jilmentaw mal-Kunsill Lokali u jitolbu li ssir l-iskip mill-ġdid. Għaldaqstant, nipproponi li l-Kunsill jikkunsidra li jpoġġi skip mill-ġdid quddiem il-ġnien ta' Hubbard Flats.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni wara votazzjoni bir-riżultat ta' sitta favur u l-Viċi Sindku, Ivan Agius kontra.

42/07/11 Mozzjoni nru 18/2015 (VII)

*Minħabba l-problema ta' traffiku fiċ-ċentru ta' Bormla, partikolarment tul Triq Dom Mintoff, Pjazza Gavino Gulia biex il-vetturi jipproċedu lejn Triq l-Inkurunazzjoni, qegħda nipproponi li b'konsultazzjoni sħiħa ma' Transport Malta infittxu soluzzjoni għal din il-problema, fosthom il-possibilita' li ssir sistema ta' 'Traffic Lights'.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Kunsillier Alfred Attard

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

42/07/12 Mozzjoni nru 19/2015 (VII)

*Qed nipproponi li tiġi nstallata U Channel quddiem il-bieb tal-ġenb tal-garaxx, 30/31, Triq San Ġorg, Bormla peress li qed jipparkjaw diversi karozzi fuq il-bankina u qed jostakolaw il-bieb iż-żgħir. Qed nipproponi wkoll li ssir rampa tat-tarmac mill-bankina għat-triq sabiex jkun hemm aċċess għall-istess garage bħal kif qegħdin garaxxijiet oħra.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli

Wara diskussjoni il-Proponent u s-Sekondant emendaw il-mozzjoni biex tinqara hekk:-

*Qed nipproponi li tiġi nstallata U Channel quddiem il-bieb tal-ġenb tal-garaxx, 30/31, Triq San Ġorg, Bormla peress li qed jipparkjaw diversi karozzi fuq il-bankina u qed jostakolaw il-bieb iż-żgħir.*

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni kif emendata.

**42/08 Korrispondenza**

42/08/01 Petizjoni dwar Triq Matty Grima (05/2279/15)

Il-Kunsill irċieva petizzjoni mir-residenti ta' Triq Matty Grima biex culvert isir matul il-pjazza minflok matul it-taraġ.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li x-xogħol tal-culvert sar kif ġie mitlub mir-residenti.

42/08/02 Football Tournament fil-Grawnds Peppi Delceppo (05/2317/15)

Is-Sur Simon Schembri talab li jsir football tournament fil-grawnds Peppi Delceppo bid-differenza li ż-żgħażagħ inaddfu u jirranġaw il-grawnds huma stess qabel it-tournament. Għal dan il-għan talbu xi ngwanti u għodda biex jitnaddaf il-grawnd.

Il-Kunsill innota l-għan tajjeb ta' din l-attivita' u unanimament approva li jissupplixxi r-riżorsi mitluba.

42/08/03 Iċċangar taż-Żonqor fi Triq Dwardu u Triq Guliermu (05/2299/15)

Resident ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-iċċangar biż-żonqor fi Triq Dwardu u Triq Guliermu qiegħed isir bis-cement fejn tidħol ġonta.

Il-Kunsill approva li ninfurmaw il-perit inkarigat mill-proġett biex il-ġonot isiru bil-ġebel tal-qawwi.

42/08/04 Sur Santa Liena (05/2325/15)

Is-Sinjura Joyce Aquilina talbet lill-Kunsill biex jagħmel bollard f'Sur Santa Liena minħabba nkonvenjent li qed issofri

Il-Kunsill unanimament approva li jinforma lil Transport Malta biex jispezzjona u jaġixxi.

42/08/05 Transport għall-anzjani tal-Lokal (05/2154/15)

Is-Sinjura Grace Fenech talbet lis-Sindku biex tiltaqa magħha biex tiddiskuti l-possibilita' ta' transport għall-anzjani biex ikunu jistgħu jattendu fiċ-Ċentru ta' matul il-jum.

42/08/06 Attivita' fi Triq Dom Mintoff (05/2142/15)

Is-Sur Reuben Aquilina, sid Cafe Rouge talab lill-Kunsill biex issir attivita' fil-21t'Ottubru 2015 u tingħalaq Triq Dom Mintoff.

Il-Kunsill unanimament approva li din l-attivita' ssir fil-baċir minflok fi Triq Dom Mintoff.

42/08/07 Ambaxxatur/Ambaxxatriċi tal-Kunsill (05/2087/15)

Peress li għadu ma nstabx ambaxxatur jew ambaxxatriċi tal-Kunsill, il-Kunsill approva li jara min hu nteressat li jokkupa din il-kariga. Din il-kariga għandha tkun okkupata minn resident/a Bormliż/a ta' eta' bejn is-16 u t-18 -il sena.

42/08/08 Siġar fi Pjazza Gavino Gulia (05/2157/15)

Is-Sur Joseph Zahra talab lill-Kunsill sabiex ineħħi s-siġar li hemm fi Pjazza Gavino Gulia u fuq il-lemin ta' Triq Dom Mintoff.

Il-Kunsill unanimament approva li jiżbor is-siġar imsemmija.

42/08/09 Proġett minn Fomm il-Bormliżi (07/07/2015)

Is-Sur Roger Mamo għarraf lill-Kunsill li fi Proġett imniedi minn "Minn Fomm il-Bormliżi" b'kollaborazzjoni ma' V18 se tiġi mistiedna l-Eċċelenza tagħha l-President ta' Malta Marie Louis Coleiro Preca fl-għeluq taċ-ċerimonja.

"Minn Fomm il-Bormliżi" talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill għall-istampar ta' l-inviti u ċ-ċertifikati kif ukoll joffri *refreshments* fl-għeluq tal-attivita'.

Il-Kunsill unanimament approva li jipprovdi dak kollu li talbu.

**42/09 Aġġornament**

42/09/01 Wara li l-aġenda ġiet eżawrita kollha, il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 4 ta' Awissu, 2015 fis-6.30pm.

41/06/02 Fid-9.15pm il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa.

Alison Zerafa Civelli
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Bormla

## SKEDA TA' ĦLASIJIET

Perjodu: Gunju, 2015

| Ref. No. | Nru. tal-Invoice | Data tal-Invoice | Fornitur | Deskrizzjoni | Ammont tal-Invoice | Nru. tan-Nominal Account | Metodu* | | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Cheque | Data tal-Pagament | Payment Voucher |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2015-279 | - | 08/06/15 | Joseph Caruana | Subsistence Allowance underpaid - 03-12-2014 / 06-12-2014 - UDITE Congress in Antwerp, Belgium | € 11.40 | 2820 | EC | INV | - | - | | | |
| 2015-280 | - | - | Ramona Falzon Gatt | Amount underpaid - Salary February 2015 | € 20.00 | 1200 | | | - | - | BOV3242 | 27/02/15 | PV188/2015 |
| 2015-281 | 11 | 09/06/15 | C. Grech (Poy Poy) | Cleaning materials / Minor Hospitality | € 64.48 | 2220/3340 | D | INV | 1196 | 101870 | | | |
| 2015-282 | 266496 | 08/06/15 | Sigma Coatings (Malta) Ltd | 1 x 5ltrs Sigmakwarts Magnolia (hubbard flats garden) | € 20.08 | 2210 | D | INV | 1191 | 101865 | | | |
| 2015-283 | 96216 | 08/06/15 | Domeman Glove Company Ltd | 1 Safety Shoes (Eugenio Abela - IPSL) | € 27.80 | 2230 | D | INV | 1193 | 101867 | | | |
| 2015-284 | 265 | 05/06/15 | TCTC Ltd | Distribution of Ikids Education Leaflets | € 42.49 | 2930 | D | INV | 1194 | 101868 | | | |
| 2015-285 | 26 | 04/06/15 | Sanitech Premier | Hiring of 2 Mobile Toilets - Bruschetta Festival | € 59.00 | 3370 | D | INV | 1195 | 101869 | | | |
| 2015-286 | 9062015 | 09/06/15 | Pavia | Set screwdrivers | € 16.95 | 2210 | D | INV | 1192 | 101866 | | | |
| 2015-287 | 23412 | 09/06/15 | Smart Office Supplies | Sticky Notes/Ball Pens/Correction Roller Linex | € 22.27 | 2620 | D | INV | 1203 | 101877 | | | |
| 2015-288 | 51148 | 30/05/15 | Police | Extra Duty - Bruschetta Festival | € 157.25 | 3370 | D | INV | 1205 | 101879 | | | |
| 2015-289 | 26102009 | 11/06/15 | Pavia | 8 Energy Savers - Hubbard Flats & Verdala Barracks | € 43.00 | 2210 | D | INV | 1204 | 101878 | | | |
| 2015-290 | 21665337 | 08/06/15 | GO plc | Rent - June 2015 / Consumption - May 2015 | € 53.68 | 2150/2160 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-291 | 21672222 | 08/06/15 | GO plc | Rent - June 2015 / Consumption - May 2015 | € 15.52 | 2150/2160 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-292 | 15062015 | 15/06/15 | Pavia | 1 trowel / 1 Black Cement / 1 Sand Bag / 1ltr Green Paint / 1 Pair of Gloves | € 19.15 | 2210 | D | INV | 1206 | 101880 | | | |
| 2015-293 | - | - | WSC | Council: Interest Credited - transfer of a/c's 208000002947 & 101000035106 to a/c 101000176785 | -€ 56.56 | 2130 | D | - | - | - | | | |
| 2015-294 | 57149 | 19/06/15 | In Design (Malta) Ltd | Uniforms for Council Staff | € 706.05 | 2230 | D | INV | 1175 | 101849 | | | |
| 2015-295 | 22062015 | 22/06/15 | Wefi Ironmongery | 1 Angle Valve / 2 screws & washers / 2 hooks (Public Convenience) | € 4.20 | 3053 | D | INV | 1215 | 101888 | | | |
| 2015-296 | 16062015 | 16/06/15 | Wefi Ironmongery | 2 bulbs (Public Convenience - Triq San Frangisk) | € 2.40 | 3053 | D | INV | 1209 | 101883 | | | |
| 2015-297 | 73049 | 19/06/15 | Alex Mercieca Bathroom Centre Ltd | 2 GEDY Toilet Seats for Disabled (Public Convenience - Gnien Sta. Margerita) | € 107.51 | 3053 | D | INV | 1202 | 101876 | | | |
| 2015-298 | 57650 | 01/06/15 | WasteServ Malta Ltd | Ghallis - 01-05-2015 / 09-05-2015 | € 201.54 | 3046 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-299 | 57730 | 01/06/15 | WasteServ Malta Ltd | Sant'Antnin - 01-05-2015 / 15-05-2015 | € 1,345.21 | 3046 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-300 | 18062015 | 18/06/15 | Wefi Ironmongery | 22 Energy Savers (Verdala Barracks) / 5ft Neon tube & 2 starters (Public Convenience) / 1 set drills | € 119.80 | 2210 | D | INV | 1211 | 101884 | | | |
| 2015-301 | 19062015 | 19/06/15 | Pavia | 1 silicone gun / 1 silicone | € 10.94 | 2210 | D | INV | 1213 | 101886 | | | |
| 2015-302 | 18062015 | 18/06/15 | Wefi Ironmongery | 1 complete neon tube x 4ft & 2 energy savers (Public Convenience - Triq San Frangisk) | € 21.00 | 3053 | D | INV | 1212 | 101885 | | | |
| 2015-303 | 19062015 | 19/06/15 | Wefi Ironmongery | 2 bulbs and 1 drill for tiles (Public convenience - Triq San Frangisk) | € 3.30 | 3053 | D | INV | 1214 | 101887 | | | |
| 2015-304 | 20521691 | 19/06/15 | WSC | Niche Triq Felic - 02-04-2015 / 06-06-2015 | € 24.20 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-305 | 20522142 | 19/06/15 | WSC | Kappella San Gwann t'Ghuxa - 17-04-2015 / 29-05-2015 | € 11.15 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2015-306 | 57984 | 15/06/15 | WasteServ Malta Ltd | Ghallis - 16-05-2015 / 30-05-2015 | € | 303.02 | 3046 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-307 | 58042 | 15/06/15 | WasteServ Malta Ltd | Sant'Antnin - 18-05-2015 / 29-05-2015 | € | 1,069.07 | 3046 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-308 | 2629 | 22/06/15 | Mailbox Services Ltd | Distribution of leaflets - TCTC adult course held in January 2015 | € | 42.48 | 2970 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-309 | 85483 | 23/06/15 | Kasco | 5 boxes A4 paper | € | 73.75 | 2621 | D | INV | 1218 | 101891 | | | |
| 2015-310 | 06/15 | 26/06/15 | Anabelle Ellul | Cleaning Council Premises - June 2015 | € | 416.16 | 3410 | T | INV | - | - | 5663 | 26/06/15 | PV219/2015 |
| 2015-311 | KLBO 1 | 30/05/15 | RACS Cleaning Services | Bulky Refuse Collection - May 2015 (334 calls) | € | 961.65 | 3042 | T | INV | - | - | 5669 | 26/06/15 | PV226/2015 |
| 2015-312 | 23062015 | 23/06/15 | Pavia | Material for Hand Railing at Triq l-Immakulata | € | 71.43 | 7240 | D | INV | 1219 | 101892 | | | |
| 2015-313 | 20534539 | 22/06/15 | WSC | War Monument - 03-04-2015 / 06-06-2015 | € | 58.80 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-314 | - | - | Eximus Services | 1 Spin Mop + Bucket | € | 39.50 | 2220 | D | INV | - | - | 5668 | 26/06/15 | PV225/2015 |
| 2015-315 | - | - | Joseph Caruana | Salary & Gvt Bonus 2015 | € | - | 1200/1300 | - | - | - | - | 5665 | 26/06/15 | PV220/2015 |
| 2015-316 | - | - | Lydon Vella | Salary - May 2015 | € | - | 1200/1300 | - | - | - | - | 5666 | 26/06/15 | PV221/2015 |
| 2015-317 | - | - | Brian Loffreda | Salary - May 2015 | € | - | 1200/1300 | - | - | - | - | BOV3246 | 26/06/15 | PV224/2015 |
| 2015-318 | - | - | Ramona Falzon Gatt | Salary - May 2015 | € | - | 1200/1300 | - | - | - | - | BOV3244 | 26/06/15 | PV223/2015 |
| 2015-319 | - | - | Alison Zerafa Civelli | Mayor's Honoraria - May 2015 & Arrears - Year 2014 | € | - | 1100/1600 | - | - | - | - | 5667 | 26/06/15 | PV222/2015 |
| 2015-320 | - | - | Pablo Cachia Belli | Councillors' Allowance: January - June 2015 | € | - | 1600 | - | - | - | - | 5662 | 26/06/15 | PV218/2015 |
| 2015-321 | - | - | Noyah Spiteri | Councillors' Allowance: January - June 2015 | € | - | 1600 | - | - | - | - | 5661 | 26/06/15 | PV217/2015 |
| 2015-322 | - | - | Roderick Mamo | Councillors' Allowance: January - June 2015 | € | - | 1600 | - | - | - | - | 5660 | 26/06/15 | PV216/2015 |
| 2015-323 | - | - | James Cauchi | Councillors' Allowance: January - June 2015 | € | - | 1600 | - | - | - | - | 5659 | 26/06/15 | PV214/2015 |
| 2015-324 | - | - | Ivan Agius | Councillors' Allowance: January - June 2015 | € | - | 1600 | - | - | - | - | 5658 | 26/06/15 | PV213/2015 |
| 2015-325 | - | - | Alfred Attard | Councillors' Allowance: January - June 2015 | € | - | 1600 | - | - | - | - | 5657 | 26/06/15 | PV212/2015 |
| 2015-326 | 483994 | 26/06/15 | Beta Centre | 5 ltrs Betaext White Nouvex / 2.5ltrs Betaext White (Bus Shelter - Triq l-Immakulata) | € | 36.48 | 2210 | D | INV | 1216 | 101889 | | | |
| 2015-327 | 25062015 | 25/06/15 | Pavia | 1 Gloss x 250ml / Methelated Spirit / 1 Paint Brush (Public Convenience - Triq San Frangisk) | € | 5.37 | 2210 | D | INV | 1221 | 101895 | | | |
| 2015-328 | 13433 | 25/06/15 | ELC Ltd | Supply and Planting of 1 Cupressus Leyalandi (War Monument) | € | 62.00 | 3062 | T | INV | - | - | | | |
| 2015-329 | I-RN 136795 | 16/06/15 | Island Insurance Brokers Ltd | Combined Insurance Police - 10-06-2015 / 31-07-2015 | € | 135.00 | 3030 | D | INV | 1210 | 101882 | | | |
| 2015-330 | I-RN 136797 | 16/06/15 | Island Insurance Brokers Ltd | Personal Accident - 10-06-2015 / 31-07-2015 | € | 31.68 | 3030 | D | INV | 1210 | 101882 | | | |
| 2015-331 | 1072015 | 01/07/15 | Pavia | 1 Meister Electric Drill | € | 40.50 | 2210 | D | INV | 1225 | 101899 | | | |
| 2015-332 | - | - | Hempel (Malta) Ltd | Road Marking Paints: 1 x 20ltrs White Paint + 2x5ltrs Yellow Paint | € | 208.86 | 2314 | D | INV | 1217 | 101890 | 5670 | 30/06/15 | PV227/2015 |
| 2015-333 | - | 01/07/15 | Lydon Vella | Fuel reimbursement - 25-05-2015 / 17-06-2015 | € | 16.00 | 2760 | EC | INV | - | - | | | |
| 2015-334 | 24218 | 25/06/15 | Smart Office Supplies | 12 permanent markers for art courses (Kids Class) | € | 17.70 | 2620 | D | INV | 1220 | 101894 | | | |
| 2015-335 | - | - | Department of Information | 1 advert - Quot 01/2015 - Government Gazzette - 07-07-2015 | € | 9.32 | 2940 | D | INV | - | - | 5671 | 01/07/15 | PV228/2015 |
| 2015-336 | - | 02/07/15 | Ramona Falzon Gatt | Fuel reimbursement - 22-04-2015 / 24-06-2015 | € | 21.12 | 2760 | EC | INV | - | - | | | |
| 2015-337 | 06 2015 | 01/07/15 | Gloria Abela | Librarian Fees - June 2015 | € | 295.65 | 2995 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-338 | AZ 95-15 | 01/07/15 | Anton Zarb Cast Iron Products | 2 Octagonal Bollards with sockets / Lockable and removable (Triq San Mikiel) | € | 460.70 | 7240 | D | INV | 1208 | 101893 | | | |
| 2015-339 | 1187 | 30/06/15 | Amabile Galea & Sons Ltd | 1 Iron Grating (Triq Abram Gatt) | € | 285.00 | 3400 | D | INV | 1198 | 101872 | | | |
| 2015-340 | 20556629 | 23/06/15 | WSC | Library - 19-04-2015 / 01-06-2015 | € | 35.20 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-341 | 20556627 | 23/06/15 | WSC | Library - 31-01-2015 / 18-04-2015 | € | 77.38 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |

RM

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2015-342 | FSMA/115297 | 31/05/15 | Image Systems Ltd | Full Service Maintenance Agreement - April 2015 | € | 65.10 | 2622 | D | INV | 1222 | 101896 | | | |
| 2015-343 | - | 02/07/15 | Department for Local Government | 1 Advert - The Independent - Quot 01/2015 - Insurance Policy | € | 40.00 | 2940 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-344 | 111237 | 03/07/15 | John Farrugia Ltd | 30 red deal prime planks for 3 benches - Hubbard Flats Garden | € | 135.00 | 2210 | D | INV | 1224 | 101897 | | | |
| 2015-345 | - | 30/06/15 | Fiona Aquilina | Newspapers - June 2015 | € | 134.90 | 2961 | D | INV | 1228 | 101902 | | | |
| 2015-346 | 300622015 | 30/06/15 | Pavia | 1 Cinghiale Water Paint Brush | € | 6.50 | 2210 | D | INV | 1226 | 101900 | | | |
| 2015-347 | 20577210 | 30/06/15 | WSC | Gnien Santa Margerita - 03-05-2015 / 01-06-2015 | € | 85.32 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-348 | 20577209 | 30/06/15 | WSC | Gnien Santa Margerita - 02-04-2015 / 02-05-2015 | € | 93.69 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-349 | 20577208 | 30/06/15 | WSC | Gnien Santa Margerita - 03-03-2015 / 01-04-2015 | € | 110.97 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-350 | 20577167 | 30/06/15 | WSC | Gnien Santa Margerita - 03-03-2015 / 29-05-2015 | € | 236.77 | 2130/2140 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-351 | 111647 | 30/06/15 | Ozone Ltd | Rent - July 2015 / Consumption- June 2015 | € | 58.31 | 2150/2160 | D | INV | - | - | | | |
| 2015-352 | KLBO115 | 30/06/15 | V&A Services | Refuse Collection- June 2015 | € | 7,435.04 | 3041 | D | INV | - | - | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Pagi, bonuses u allowances imħallsa f'Gunju, 2015** | **€** | **11,173.59** |
| **TOTAL** | **€** | **27,422.82** |
| **Approvati f'Seduta Nru.** | | 42 |
| **Data:** | | 07/07/15 |

**METODU: D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**INV - Invoice, EC - Expense Claim, DP - Deposit**

**Firma:**

**Alison Zerafa**
**Sindku**

**Joseph Caruana**
**Segretarju Ezekuttiv**

Kunsillier
Isem: ____________

Kunsillier
Isem: Roderick Mamo

**KUNSILL LOKALI BORMLA**

Skeda ta' Ħlasijiet mill-Petty Cash

Perjodu: Gunju, 2015

| Folio / Chq | Data | Fornitur | Ammont | Deskrizzjoni | Nominal Account | Bilanc (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Opening Balance | 217.97 | Opening Balance | | 217.97 |
| 4175 | 02/06/15 | Mario Gauci (Hawker) | (6.60) | 4 bleach for pub convenience | 3053 | 211.37 |
| 4176 | 03/06/15 | Nica Ltd | (20.00) | Diesel - KBI-323 | 2750 | 191.37 |
| 4177 | 04/06/15 | Maltapost plc | (0.91) | Registered Letter to DLG | 2650 | 190.46 |
| 4178 | 08/06/15 | Nica Ltd | (20.00) | Diesel - KBI-323 | 2750 | 170.46 |
| 4179 | 09/06/15 | Joe Galea | (14.90) | Garbage Bags | 3053 | 155.56 |
| 4180 | 11/06/15 | Fiona Stationery | (2.60) | 10 Postage Stamps | 2650 | 152.96 |
| 4181 | 12/06/15 | Fiona Stationery | (20.80) | 80 Postage Stamps | 2650 | 132.16 |
| 4182 | 15/06/15 | Nica Ltd | (20.00) | Diesel - KBI-323 | 2750 | 112.16 |
| 4183 | 17/06/15 | Leli Doublet | (4.00) | 1 Puncture - KBI-323 | 2710 | 108.16 |
| 4184 | 22/06/15 | Nica Ltd | (20.00) | Diesel - KBI-323 | 2750 | 88.16 |
| 4185 | 24/06/15 | Saviour Calleja | (18.00) | 2 balustrades | 2210 | 70.16 |
| 4186 | 30/06/15 | Nica Ltd | (20.00) | Diesel - KBI-323 | 2750 | 50.16 |
| 4187 | 30/06/15 | Mario Gauci (Hawker) | (15.20) | 3 bleach for pub conven. & Coffee | 3053 / 3340 | 34.96 |
| 4188 | 30/06/15 | Pavia Hardware Stores | (2.14) | Rawbolts & screws | 2210 | 32.82 |
| | | | 32.82 | | | |

| | |
|---|---|
| Approvati f'Seduta Nru. | 42 |
| Data: | 07/07/15 |

Alison Zerafa Civelli
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier
Isem: Robert Mario

Kunsillier
Isem: NOYAH SPITERI

Seduta tal-Kunsill 42 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 08-2015 (VII)**

Minħabba l-istat ħażin li jinsabu fih il-bankini ta' Triq San Pawl, u li per konsegwenza jiena nfurmata li kien hemm persuni li saħansitra waqgħu u weġġgħu, qed niproponi li tintalab stima mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex dawn il-bankini jinbidlu. Għandu jitalab ukoll parir professjonali rigward il-materjal li għandu jkun użat.

Mozzjoni: Noyah Spiteri

Sekondant: Alf. Attard

9-6-15

Seduta tal-Kunsill 40 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 09-2015 (VII)**

Niproponi li trejqa f'San Ġwann t'Għuxa, preċiżament faċċata ta' Pjazza Tony Coleiro, liema trejqa tagħti aċċess għal numru ta' garages, tiġi rikostruwita mill-ġdid bit-tarmac minħabba l-istat ħażin li tinsab fiha u li qed tkun kaġun ta' ħsarat fil-vetturi tar-residenti. Peress li x-xogħol rikjest huwa ta' rikostruzzjoni, għandu jiġi vverifikat minn qabel jekk dan ix-xogħol huwiex kompitu ta' Transport Malta.

Mozzjoni: Noyan Spiteri

Sekondant:

9-6-15

Seduta tal-Kunsill 42 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 10-2015 (VII)**

**Misraħ il-Familja**

Peress li tlieta minn sitt bollards tal-fondut li saru quddiem l-entratura għal Ġnien 'Misraħ il-Familja, intlaqtu minn vetturi u tkissru f'inċidenti separati, qiegħed nipproponi li jinbidlu l-bollards kollha ma' oħrajn li jkunu ta' materjal aħjar.

Nipproponi wkoll li biex tinżamm aktar indafa fil-ġnien imsemmi, jiżdiedu tliet litter bins ġodda.

Mozzjoni: Alfred Attard

Sekondant:

24-6-15

Seduta tal-Kunsill 12 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 11-2015 (VII)**

Fid-dawl li b'mod speċjali nhar ta' Tlieta qed tinħoloq konġestjoni ta' traffiku tul Triq Dom Mintoff, Pjazza Gavino Gulia għal Triq l-Inkurunazzjoni, qiegħed nipproponi li ssir talba lil Transport Malta sabiex fi Triq San Dwardu, Birgu, preċiżament faċċata tal-Mina tal-Kalkara, tiġi installata tabella biex tħeġġeġ vetturi li jkunu ħerġin mill-Kalkara biex nhar ta' Tlieta fil-ħin tal-monti, jipproċedi fid-direzzjoni ta' Żabbar. B'dan il-mod, ikun qiegħed jonqos l-ammont ta' vetturi li f'dan il-ħin, jgħaddi miċ-ċentru ta' Bormla.

Mozzjoni: Pablo Cachia Belli

Sekondant: James Cauchi

30/6/15

Seduta tal-Kunsill 42 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 12-2015 (VII)**

Fuq talba li saret minn sid il-garage bin-numru 101, Triq ix-Xatt ta' Bormla, qiegħed nipproponi li l-Kunsill japplika għall-permessi minn Transport Malta sabiex faċċata tal-istess garage, isiru 'double yellow lines' bil-għan li s-sid il-garage, ikun jista' jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu mingħajr diffikultajiet.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant: A. Attard

30/6/15

Seduta tal-Kunsill 42 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 13-2015 (VII)**

Minħabba l-abbużi kbar ta' rimi ta' skart madwar il-Bring-In-Sites li hemm fi Kwartieri San Nikola, nipproponi li dawn jitneħħew b'effett immedjat.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant:

30/6/15

Seduta tal-Kunsill 42 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 14-2015 (VII)**

Fuq suġġeriment ta' residenti ta' Kwartieri San Nikola, nipproponi li jiżdiedu żewġ litter bins għall-użu tar-residenti, u li dawn jiġu nstallati man-naħa ta' fejn hemm il-bankijiet.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant:

30/6/15

Seduta tal-Kunsill 40 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 15-2015 (VII)**

Fuq talba li saritli mit-tmexxija tal-Kulleġġ ta' Santa Margerita, qed nipproponi li l-Kunsill jinstalla mera tat-traffiku mal-gate tal-iskola fi Triq Alessandra peress li l-għalliema u ħaddiema oħra tal-iskola qed isibuha diffiċli u perikoluż ħafna biex joħorġu mill-iskola.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant:

30/6/15.

Seduta tal-Kunsill 22 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 16-2015 (VII)**

Minħabba l-fatt li ta' spiss, is-siġar tal-acacia jikkawżaw problemi ta' saħħa minħabba t-tip ta' fjura li tipproduċi, nissuġġerixxi li siġar tal-acacia li hemm fi Triq San Nikola kantuniera ma' Sur San Ġwann indikati fir-ritratti u l-pjanta annessa jinqalgħu mill-għeruq wara li jinġiebu l-permessi meħtieġa ~~u minflok, jitħawlu siġar indiġeni.~~ A-Zerafa Alf Attard




A-Zerafa

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant:

Alf. Attard

30/6/15

Seduta tal-Kunsill 42 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 17-2015 (VII)**

Deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill Lokali biex jitneħħew numru ta' Bins-On-Wheels, jidher li ma ħallitx ir-riżultati mixtieqa fi Triq l-Irlandiżi, preċiżament quddiem il-ġnien ta' Hubbard Flats. Fil-post fejn qabel kien hemm l-iskip, f'kull ħin tal-ġurnata qed ikun hemm akkumulazzjoni sħiħa ta' skart li qed ikun ta' nkonvenjent għal dawk ir-residenti li joqgħodu viċin. Dwar din il-problema, huma ħafna dawk ir-residenti li qed jilmentaw mal-Kunsill Lokali u jitolbu li ssir l-iskip mill-ġdid. Għaldaqstant, niproponi li l-Kunsill jikkunsidra li jpoġġi skip mill-ġdid quddiem il-ġnien ta' Hubbard Flats.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant:

30/6/15

Seduta tal-Kunsill 20 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 18-2015 (VII)**

Minħabba l-problema ta' traffiku fiċ-ċentru ta' Bormla, partikolarment tul Triq Dom Mintoff, Pjazza Gavino Gulia biex il-vetturi jipproċedu lejn Triq l-Inkurunazzjoni, qegħda nipproponi li b'konsultazzjoni sħiħa ma' Transport Malta infittxu soluzzjoni għal din il-problema, fosthom il-possibilita li ssir sistema ta' 'Traffic Lights'.

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant:

Alf. Attard

30/6/15

Seduta tal-Kunsill 42 (7/7/2015)

**Mozzjoni Nru. 19-2015 (VII)**

Qed niproponi li tiġi nstallata U Channel quddiem il-bieb tal-ġenb tal-garaxx, 30/31, Triq San Ġorġ, Bormla peress li qed jipparkjaw diversi karozzi fuq il-bankina u qed jostakolaw il-bieb iż-żgħir. ~~Qed niproponi wkoll li ssir rampa tat-tarmac mill-bankina għat-triq sabiex jkun hemm access għall-istess garage bħal kif qiegħdin garaxxijiet oħra.~~

Mozzjoni: Alison Zerafa Civelli

Sekondant:

30/6/15